**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Distrett Naxxar**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Farrugia**

**Illum, 25 ta' April, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Paul Farrugia bil-karta tal-identità numru 540483M, li permezz tagħha ġie akkużat talli nhar il-1/2/2015, għall-ħabta ta' 01.40hrs ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, volontarjament ħassar, jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u ċioè vettura BCA-064, proprjetà ta Lydon Xerri, ID No. 7294(M), liema ħsara tammonta għal €1090.40.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semgħet il-provi;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti qieset li meta din il-kawża kienet qed tinstema' minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, kienu nstemgħu xhieda, liema xhieda ma kinitx irreġistrata. Dan seħħ fit-30 ta' Lulju 2015, u fil-11 ta' Marzu 2016. Għalhekk, din il-Qorti hekk kif ippreseduta, ma tistax tkun a konjizzjoni ta' dak li kien instema' f'dawk is-seduti preċedenti.

Sussegwentement, meta din il-kawża għaddiet għand ġudikant ieħor sabiex tkompli tinstema', instemgħu xi xhieda fl-assenza tal-imputat, u dana mingħajr lanqas ma ngħatat xi tip ta' eżenzjoni jew kunsens, da parte tal-legali tad-difiża. Dan seħħ fit-3 ta' Mejju 2017, u fl-4 ta' Ottubru 2017. Il-Qorti tqis li tenut kont tan-natura penali ta' din il-proċedura, hija għandha tiskarta dawn ix-xhieda, u ma tqishomx bħala provi ammissibbli.

Irriżulta wkoll li quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-10 ta' Jannar 2018, meta din id-darba kien preżenti l-imputat, xehdu żewġ xhieda oħra, liema xhieda ġiet irrekordjata. Lydon Xerri xehed li fl-1 ta' Frar 2015, huwa kien nieżel minn Paċeville mat-tfajla tiegħu, u kellhom argument. Huwa spjega li daħal ġol-parkeġġ ta' Casablanca, u kienu qed jargumentaw bejniethom, meta f'daqqa waħda, tfaċċaw żewġt irġiel biex jaraw x'kien għaddej. Spjega li huwa qalilhom biex ma jindaħlux. Sostna li f'dak il-mument, huwa saq biex joħroġ 'il barra, iżda għadda minn triq li kienet magħluqa minħabba li kienu qed isiru xi xogħolijiet fit-triq. Spjega li f'dak il-ħin, iż-żewġt irġiel bdew jagħtu mal-karozza, u huwa beża' tant li beda jara kif ser joħroġ minn hemm. Qal li dawn iż-żewġt irġiel, ippruvaw jiftħulu l-karozza. Spjega li huwa rnexxielu joħroġ minn hemm, u mar jagħmel rapport l-Għassa tal-Qawra. Lydon Xerri sostna li huwa kien għaraf biss lil Martin

Cachia dak il-hin. Sostna li ż-żewġ persuni kienu qed jagħtu mal-ħġieġa u mal-karozza tiegħu.

In kontroeżami, Lydon Xerri kkonferma li dawn iż-żewġ persuni kienu intervjenew, għaliex kien qed iseħħ argument bejnu u bejn it-tfajla tiegħu. Sostna iżda, li dawn intervejnew b'mod mhux normali, għax qabdu u fetħu l-bieba tal-karozza. Qal li l-argument ta' bejnu u bejn it-tfajla, kien wieħed verbali biss. Ikkonferma li t-tfajla tiegħu, ma kinitx tafhom lil dawn iż-żewġt irgiel. Insista li xħin ġie avviċinat mill-imputat Paul Farrugia, u Martin Cachia, dawn ma qalulu xejn, u huwa qalilhom biex ma jindaħlux. Ikkonferma li huma kienu bit-twieqi magħluqin. Ikkonferma wkoll li huwa qabad u saq, wara li l-bieba ngħalqet. Qal li mbagħad, xħin ipprova jdur biex joħroġ 'il barra, dawn iż-żewġt irgiel bdew jiġru, u bdew ikissrulu l-karozza. Insista li entrambi bdew jagħtu fuq il-karozza. Qal li l-windscreen ġie kollu ross bid-daqqa. Kellu daqqa mal-*bonnet*, ksur fil-fanal ta' quddiem tan-naħa ta' isfel, tagħfis fuq is-saqaf, u kellu faxx mill-ġenb li ġie maqlugħ. Mistoqsi jekk il-ħsara seħħitx peress li huwa tajjar lil Martin Cachia bil-karozza, Lydon Xerri ċaħad dan.

Xehdet ukoll Christina Zammit, li qalet li hija kellha argument ma' Lydon Xerri, u qabdu jgħajjtu. Spjegat li ġie l-imputat, fetaħ il-bieba, u staqsiha jekk hija kinitx tajba. Sostniet li hija ma ratx il-persuna li kien hemm. Qalet li xħin Xerri saq u dawwar biex jitlaq, dawn bdew jagħtu mal-karozza. Sostniet li hija ma kinitx taf lil dawn il-persuni. Ċaħdet li Xerri tajjar lil waħda minn dawn il-persuni. In rieżami hija sostniet li taħseb li kien hemm żewġ persuni jagħtu fuq il-karozza, iżda ma kinitx taf min kienu.

Il-Prosekuzzjoni ma reġgħetx tellgħet lix-xhieda li nstemgħu fl-assenza tal-imputat, iżda tellgħet biss lil Sandro Portelli. Fix-xhieda tiegħu, dan sostna li huwa ma jiftakarx x'kien ġara, u lanqas seta' jikkonferma l-verżjoni li allegatament kien ta hu stess meta ġie mitkellem mill-Pulizija.

L-imputat għażel li jixhed, fejn spjega li huwa kien qed jieħu *drink,* u ħareġ barra jittawwal għal karozza, iżda hu u ħiereg barra, ra tfajla tgħajjat għal

għajnuna. Sostna li kien flimkien ma' Martin Cachia. Sostna li huwa ra raġel u tfajla jargumentaw ġol-karozza. Spjega li s-sewwieq spiċċa saq għal fuqhom u tajjar lil Cachia. Qal ukoll li s-sewwieq beda jfittixhom, għaliex sostna li hu u sieħbu kienu kissrulu l-karozza. Sostna li l-karozza sofriet ħsarat għax is-sewwieq beda jolqot il-karozzi hu u jsuq ġo fih u ġo sieħbu. Ikkonferma li sieħbu Cachia, kien spiċċa weġġa'.

Spjega li s-sewwieq kien mar għamel rapport, u huma wkoll għamlu rapport. Spjega li huwa jixbaħ ħafna lil Martin Cachia, li llum miet. Huwa ċaħad li b'xi mod u manjiera, ta daqqiet lill-vettura misjuq minn dan ir-raġel, Lydon Xerri. Sostna li Xerri laqat xi erba' karozzi b'kollox, xħin prova jtajjru. Spjega li Martin kien quddiemu, u beda argument bejnu u bejn Xerri. Spjega li huwa mar biss biex ikun ta' sostenn għal Martin, li mar jagħti l-għajnuna lil din it-tfajla. Spjega li huwa kien fuq in-naħa fejn kien hemm ix-xufier.

Apparti din ix-xhieda, ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' WPS 50, li jikkontjeni varji verżjonijiet mogħtija mill-partijiet involuti. Madanakollu, fl-ebda parti ta' dan l-affidavit ma ġie mniżżel, li l-partijiet ingħataw id-drittijiet tagħhom, u għalhekk, din il-Qorti lanqas tista' tistrieħ fuq tali kontenut.

Fl-istess affidavit ta' WPS 50, jissemma wkoll filmat ta' dak li kien ġara, liema filmat qatt ma ġie eżebit fl-atti ta' din il-kawża.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li ma tressqux provi suffiċjenti sabiex issib ħtija għal din l-imputazzjoni, fl-imputat. Il-verżjoni mogħtija minn Lydon Xerri u Christina Zammit, ma hijiex kredibbli mal-fattispeċie ta' dan il-każ. Irriżulta li l-imputat u Martin Cachia ħassew il-bżonn li jintervjenu, in vista tal-argument imsaħħan li kien għaddej bejn Xerri u Zammit, u li kien jinstema' minkejja li t-twieqi tal-karozza ta' Xerri kienu magħluqa. Dana kuntrarjament għal dak li xehed Xerri, li nsista li kien argument normali u mhux imsaħħan. Lanqas jagħmel sens li l-imputat u Cachia fetħu l-bieba u ma tkellmu xejn, filwaqt li Xerri qabad u qalilhom biex ma jindaħlux, meta allegatament lanqas kien jaf għalfejn dawn avviċinawh.

Il-ħsarat sofferti fil-vettura, lanqas ma huma kompatibbli ma' daqqiet li persuna jew tnejn setgħu taw lill-vettura li kienet qed tinsaq. Il-ħsarat huma iktar kompattibbli ma' impatt li seħħ ma' Martin Cachia u mal-imputat, stante li Xerri spiċċa jsuq għal ġo fihom, u għal ġo vetturi oħra li kien hemm parkeġġjati.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra, għajr li tillibera lill-imputat, peress li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, dwar l-imputazzjoni mressqa kontra l-imputat.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**